MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 146/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat mill-partijiet bil-gurament; li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet zzewgu nhar il-11 ta’ Jannar, tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (1997) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal iktar minn hames (5) snin;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt pubbliku datat l-14 ta’ April 2014 publikat min-Nutar Josef Masini Vento (ara Dok. B hawn anness);
Illi frott ta’ dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe Anthea Sacco li twieldet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija u sebgha u disghin (1997) u Erika Sacco li twieldet nhar is-sebgha (7) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004). Iz-zewgt ulied huma minuri;

Illi l-partijiet jiddikjaraw li m’hemm ebda pendenza relatata mal-manteniment tal-istess minuri;

Illi l-partijiet jiddikjaraw li ddekadew mid-dritt ta’ manteniment reciproku u ghalhekk l-ebda manteniment m’hu dovut (ara klawsola numru 2 tal-kuntratt ta’ separazzjoni msemmi aktar ‘il fuq);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn/ familji godda;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ April, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Marcelle Mintoff;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn hames snin u huma legalment separati sa mill-14 ta' April 2014;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda possibilita ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u  illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------